**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2020**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors. Nru. 36/2019 JZM**

**Stralc Volontarju mniedi mill-Kredituri tas-socjeta` Sea Malta Company Limited (C2764)**

**Rikors tal-istralcjarji l-Awditur John Abela u l-Avukat Dott. Andrew Chetcuti Ganado**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

### 1. <u>Ir-rikors promotur</u>

Rat ir-rikors li l-Awditur John Abela u l-Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado, fil-kwalita` taghhom ta`stralcjarji tas-socjeta` Sea

Malta Company Limited, ipprezentaw fis-6 ta` Dicembru 2019 fejn inghad hekk :-

*Illi b`rizoluzzjoni tat-2 ta` Jannar 2006 tas-socjeta` Sea Malta Company Limited ("**SMC**") ir-rikorrenti gew nominati bhala stralcjarji tal-imsemmija socjeta`.*

*Illi fil-kors tal-istralc sehhew zewg subasti li huma s-subasta numru 48/2006 tal-bastiment M.V. Maltese Falcon u s-subasta num,ru 60/2006 tal-bastiment M.V. Zebbug.*

*Illi in segwitu ghal dawn is-subasti, saru zewg cedoli ta` depozitu li huma c-cedola numru 608/2006 fir-rigward tas-subasta numru 48/2006 u c-cedola numru 923/2006 fir-rigward tas-subasta numru 60/2006.*

*Illi l-fondi hekk depozitati ma jservux biex jithallsu l-krediti kollha.*

*Illi fir-rigward ta` dawn iz-zewg cedoli kien hemm proceduri separati ta` konkors ta` kredituri, u llum dawn iz-zewg konkorsi li huma l-konkors numru 1118/2006 fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Zebbug jinsab deciz b`sentenza finali u l-konkors numru 43/2010 fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et li jinsab jistenna decizjoni finali mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta` Dicembru 2019.*

*Illi r-Rikorrenti ga gew mnebbha li saru rikors minn kredituri sabiex ikunu jistghu jizbankaw fondi minn dawn ic-cedoli. Dawn ir-rikors sal-lum ghadhom mhumiex dekretati.*

*Illi r-Rikorrenti huma gustament preokkupati illi jekk isiru rikors minn kull kreditur kif ifettillu u minghajr ma jkun hemm tqassim ordnat tal-fondi in kwistjoni skont il-provvedimenti tas-sentenzi msemmija dwar il-konkorsi ser tinqala` konfuzjoni ta` rikorsi u risposti bir-rizultat illi l-process tal-hlas tal-krediti ser jigi ntralcjat fit-tul u*

*b`komplikazzjonijiet inutili. Ibda biex kull rikors ikun irid jigi notifikat lil numru kbir ta` partijiet interessati b`terminu ghar-risposta.*

*Illi r-Rikorrenti jirreferu ghall-artikolu 288(1)(a) tal-Kap. 386 li jiddisponi illi f`kaz ta` xoljiment volontarju, l-istralcjarju jista`, skont dak l-artikolu, jitlob li jezercita hu stess, il-poteri normalment moghtija lill-istralcjarju f`xoljiment ordnat mill-Qorti, meta dan il-poter ikun wiehed minn dawk imsemmija fl-artikolu 238(1)(c), (d) u (e).*

*Illi l-poter imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subinciz (1) tal-artikolu 238 huwa propju l-poter moghti lill-istralcjarju sabiex ihallas id-djun tas-socjeta`.*

*Ghall-mottivi fuq esposti, ir-rikorrenti qeghdin jadixxu lil din il-Qorti sabiex tinvestihom bil-poter provvdut fl-artikolu 238(1)(c) sabiex huma jhallsu lill-kredituri tas-socjeta` SMC u dana taht kull provvediment jew supervizjoni li jidhrilha xieraq li tordna.*

*Jintalab ukoll illi minkejja li cedoli msemmija jinsabu depozitati fir-registru tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili din il-Qorti xorta wahda tordna li ma jigi dekretat l-ebda rikors ghal zbank sabiex l-izbanki jsiru skont kif jiddeterminaw l-istralcjarji, kif iktar `il fuq mitlub, u tinnotifika tali ordni lir-Registratur tal-qorti sabiex ma jhalli li jsir ebda zbank jekk ma jkunx espressament sancit mir-rikorrenti jew minn din il-Qorti, skont kif jidhrilha xieraq li tordna.*

## 2. <u>Id-digriet tal-10 ta`Dicembru 2019</u>

Rat id-digriet li tat fl-<u>10 ta` Dicembru 2019</u> fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors promotur lill-kredituri ta` Sea Malta Company Limited bi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex jipprezentaw risposta u fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh. L-ewwel smigh effettiv tar-rikors sar fil-5 ta` Marzu 2020 u kompla fil-25 ta` Gunju 2020 billi fl-intervall ta` zmien ma setghux isiru udjenzi minhabba l-pandemija tal-COVID-19.

## 3. <u>Il-kredituri</u>

Il-kredituri ndikati mill-istralcjarji kienu :

a) Malta Shipyards Limited
b) Il-Ministru tal-Finanzi
(illum Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji)
c) Il-Kummissarju tat-Taxxi
d) Transport Malta
e) Focal Maritime Services Co. Ltd.

**Mill-atti ma jirrizultax illi l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta u Focal Maritime Services Co. Ltd. pprezentaw risposta ghalkemm kienu notifikati bir-rikors promotur u bid-digriet tal-10 ta` Dicembru 2019.**

**a) Ir-risposta ta` Malta Shipyards Limited**

Rat ir-risposta li pprezenta John Busuttil, fil-kwalita` tieghu ta` stralcjarju tas-socjeta` Malta Shipyards Limited (C-32345), fl-14 ta' Frar 2020 u li taqra hekk :-

*1. L-esponent nomine jopponi ruhu ghat-talbiet tal-istralcjarji l-awditur John Abela u l-avukat Dott Andrew Chetcuti Ganado nomine fir-rikors taghhom tas-6 ta` Dicembru 2019.*

*2. Kif jghidu tajjeb l-istess stralcjarji, diga` kien hemm proceduri separati ta` konkors ta` kredituri fuq ic-cedoli ta` depozitu numri 923/2006 u 608/2006, rapprezentanti rispettivament ir-rikavat mill-bejgh bis-subbasta tal-bastiment MV Zebbug u tal-bastiment MV Maltese Falzon.*

*Fil-kaz tal-bastiment M V Zebbug, il-proceduri kienu in rem u d-debitur huwa l-bastiment innifsu u mhux is-socjeta` Sea Malta Company Limited. F`kull kaz, il-proceduri tal-Konkors fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-istess bastiment diga` nghalqu u hemm decizjoni finali ta` din il-Qorti li stabbiliet il-gradwazzjoni tal-krediti li ghandhom jithallsu. Din id-decizjoni tikkostitwixxi gudikat fil-konfront ta` dawk kollha li ppartecipaw f`dawk il-proceduri, fosthom l-istess rikorrenti John Abela u Dott. Andrew Chetcuti Ganado nomine.*

*Fil-kaz tal-bastiment M V Maltese Falzon, decizjoni finali ghandha tinghata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Frar 2020.*

*3. Ir-rikorrenti John Abela u Dott. Andrew Chetcuti Ganado nomine ppartecipaw u ghamlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom fiz-zewg proceduri, u kellhom kull opportunita` li jressqu l-fehmiet taghhom matul l-erbatax-il sena (14) li dawn il-proceduri ilhom ghaddejjin. It-talbiet tar-rikorrenti f`dan l-istadju, aktar milli jghinu biex il-process ta` tqassim skont id-decizjonijiet tal-Qorti ma "jigi[x] intralcjat fit-tul u b`komplikazzjonijiet inutili", iwassal zgur ghal dilungar ulterjuri a skapitu tal-kredituri li diga` gew gradwati skont il-ligi minn din il-Qorti diversament presjeduta, apparti spejjez godda li zgur mhux ser jghinu biex ikun hemm aktar fondi ghal kredituri li gew gradwati jew xi kredituri ohra.*

*4. F`kull kaz, dak li qed jitolbu l-istralcjarji diga` sar minn din il-Qorti direttament bil-proceduri tal-konkors tal-kredituri.*

***L-artikolu 238(1)(a)*** *tal-Kap. 386 jaghti d-dritt lill-istralcjarju li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procedimenti legali ghan-nom tal-kumpanija. Dan diga` ghamluh, u fil-kaz tal-M V Zebbug diga` hemm gudikat, waqt li fil-kaz tal-M V Maltese Falcon, ghandu jkun hemm sentenza finali mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Frar 2020.*

*Inoltre, l-**artikolu 238(1)(c)** tal-Kap. 386 citat mill-istess stralcjarji jwassal biex l-istralcjarju jinghata s-setgha "li jhallas lill-kredituri skont il-gradwazzjoni taghhom bil-ligi.` Dan huwa proprju dak li ddecidiet u ghamlet din il-Qorti fil-proceduri ta` konkors tal-Kredituri. Ghalhekk, ma hemm ebda bzonn jew raguni sabiex f`dan l-istadju l-istralcjarji jigu awtorizzati jintromettu ruhhom fid-decizjonijiet ta` din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell (fil-kaz tal-M V Maltese Falcon), intromissjoni li tista` twassal biss ghal spejjez u dilungar ulterjuri bla bzonn.*

*5. Fid-dawl tad-decizjonijiet fuq imsemmija, ma hemmx lok ghat-talba tal-istralcjarji sabiex jigu awtorizzati jaghmlu "kull kompromess jew ftehim mal-kredituri" tal-kumpanija Sea Malta Limited [**artikolu 238(1)(d)** tal-Kap. 386] jew li jaghmlu "sejhiet lill-kontributorji" u li jaghmlu "kompromess jew ftehim fuq djun, obbligi u talbiet tal-kumpannija` Sea Malta Company Limited.[**artikolu 238(1)(d)** tal-Kap. 386].*

*6. Ghalhekk ma hemmx lok ghal ebda proceduri godda fuq il-gradwazzjoni u t-tqassim tal-flus depozitati bic-cedoli numri 923/2006 u 608/2006 fuq imsemmija.*

**b) <u>Ir-risposta tal-Ministru tal-Finanzi</u>**
**<u>(illum Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji)</u>**

Rat ir-risposta li pprezenta l-Ministru tal-Finanzi (illum Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji) fit-<u>18 ta` Frar 2020</u> li taqra :-

*1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva l-inkompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) ossia din is-sezzjoni partikolari tal-Qorti Civili stante li ai termini tal-artikolu 773 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) f`kawzi dwar zbank ta` depozitu hija kompetenti biss il-qorti li taht l-awtorita` taghha jkunu gew iddepozitati l-flus l-flus jew hwejjeg ohra, li f`dan il-kaz hija l-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Qorti Civili – Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali).*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq esposti, l-izbanki de quo qed isiru jew ha jsiru b`ezekuzzjoni ta` sentenza li ghaddiet in gudikat jew ha tkun ghaddiet in gudikat u strettament fil-parametru decizi minn dik jew dawk is-sentenzi, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Kummerc) jew l-istralcjarji m`ghandhomx bir-rispett jiddistubaw id-diskrezzjoni ta` sentenza li gia ghaddiet jew se tghaddi in gudikat.*

*3. Salvi risposti ulterjuri.*

**c) <u>Ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi</u>**

Rat ir-risposta li l-Kummissarju tat-Taxxi (Sezzjoni VAT) ipprezentat fit-<u>2 ta` Marzu 2020</u> li taqra hekk :-

*Illi l-esponenti hu kreditur tas-socjeta` Sea Malta Company Limited (C2764) fl-ammont ta` €495,232.59, oltre interessi, penali u spejjez ulterjuri li ghadhom jiddekorru.*

*Illi kif tajjeb rilevat mill-istralcarji fir-rikors minnhom imressaq, fir-rigward tac-cedola ta` depozitu bin-numru 608/2006 hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell il-konkors ta` kredituri fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et (695/2006), li issa jinsab differit ghas-sentenza ghal nhar is-27 ta`April 2020.*

*Illi l-esponenti hu parti fl-imsemmija proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, tant li qieghed jitlob li ghandu jippregradwa l-kredituri l-ohra kollha u ghalhekk naturalment ghandu interess li jistenna l-ezitu tal-istess procedura.*

*Illi jigi rilevat ukoll li l-istralcarji huma wkoll kredituri tas-socjeta` Sea Malta Company Limited (C2764) u huma parti mill-imsemmija proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fejn huma wkoll qed jippretendu li ghandhom jippregradwaw il-kredituri l-ohra.*

*Illi kif gie indikat mill-istralcarji, m`hemmx bizzejjed fondi depozitati (fiz-zewg cedoli msemmija fir-rikors) sabiex jithallsu l-krediti kollha.*

*Illi ghalhekk, filwaqt li l-istralcarji qed jitolbu li jigu vestiti bil-poteri moghtija mill-Artikolu 238(1)(c) tal-Kap. 386, u cioe` li jhallsu lill-kredituri skont il-gradwazzjoni taghhom bil-ligi, tali gradwazzjoni ghad trid tigi stabbilita' (fir-rigward tac-cedola ta` depozitu bin-numru 608/2006) mill-Qorti tal-Appell, u ghalhekk dejjem bid-dovut rispett, tali gradwazzjoni tal-kredituri relattivi tispetta biss lill-istess Qorti tal-Appell.*

*Illi ghalhekk ukoll kwalunkwe talba ghal zbank li saret u li se ssir fl-atti tac-cedola ta` depozitu bin-numru 608/2006 m`ghandhiex tigi determinata mill-istralcarji kif jidhrilhom huma, izda ghandha ssir ai termini tad-decizjoni li se tinghata mill-Qorti tal-Appell.*

*Ghaldaqstant f`kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa` t-talbiet tal-istralcarji huma ghandhom ikunu marbuta li jonoraw id-decizjoni ossia l-gradwazzjoni tal-kredituri li se tigi stabbilita' mill-Qorti tal-Appell fil-konkors ta` kredituri fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et (695/2006).*

*Bl-ispejjez.*

**6. <u>L-udjenzi</u>**

Fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2020, wara li kienu mismugha l-avukati, inghatat direzzjoni mill-qorti fis-sens illi qabel tipprocedi oltre, kienet sejra tistenna li tkun deciza mill-Qorti tal-Appell, il-kawza fl-ismijiet *'Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et'* (Rik. Nru. 695/2006).

Fl-udjenza tas-27 ta` Lulju 2020, il-qorti kienet infurmata li l-kawza fl-ismijiet *'Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et'* (Rik. Nru. 695/2006) kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta` Lulju 2020.

Rat is-sentenza in kwistjoni.

Semghet sottomissjonijiet fl-udjenza 27 ta` Lulju 2020 dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Finanzi u ghas-Servizzi Finanzjarji.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-imsemmi Ministru.

Rat l-atti l-ohra.

**II. <u>Dritt</u>**

Ir-rikorrenti, bhala stralcjarji ta` SMC, qeghdin isejsu t-talbiet taghhom fuq l-**Art. 288(1)(a) tal-Kap. 386**, liema disposizzjoni mbaghad tirreferi ghall-**Art. 238(1)(c), (d) u (e).**

L-**Art. 288(1)(a) tal-Kap. 386** huwa nkluz fil-Kapitolu IV tal-Att dwar il-Kumpanniji, li jittratta dwar disposizzjonijiet li jghoddu ghal **kull stralc volontarju**.

Id-disposizzjoni tghid hekk :-

***L-istralcjarju jista' –***

***fil-kaz ta' stralc volontarju tal-membri, bis-sanzjoni ta' rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija, u, fil-kaz ta' stralc volontarju tal-kredituri, bis-sanzjoni tal-qorti jew tal-kumitat ta' stralc jew, jekk ma jkunx hemm dak il-kumitat, tal-laqgha tal-kredituri, jista` jezercita kull wahda mis-setghat moghtija bl-artikolu 238(1)(c), (d), u (e) lil stralcjarju fi stralc mill-qorti.***

Id-disposizzjonijiet tal-**Art. 238(1)(c), (d) u (e)** huma nseriti fil-Kapitolu III tal-Att li jittratta dwar **stralcarji fi stralc mill-qorti**.

Jinghad hekk :-

***(1) Fl-istralc mill-qorti l-istralcjarju jkollu s-setgha, bis-sanzjoni jew tal-qorti jew tal-kumitat ta` stralc mahtur taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta' dan is-Sub-Titolu –***

***…***

***(c) li jhallas lill-kredituri skont il-gradwazzjoni taghhom bil-ligi ;***

***(d) li jaghmel kull kompromess jew ftehim mal-kredituri jew persuni li jghidu li huma kredituri, jew li jkollhom jew li jallegaw li jkollhom xi talba, prezenti jew futura, certa jew kontingenti, accertata jew li tista' tkun dovuta bhala danni***

***kontra l-kumpannija jew li biha l-kumpannija tista' tinzamm responsabbli u li jirreferi xi kwistjoni bhal din ghall-arbitragg ;***

***(e) li jaghmel sejhiet lill-kontributorji jew allegati kontributorji u li jaghmel kompromess jew ftehim fuq djun, obbligi u talbiet tal-kumpannija prezenti jew futuri, certi jew kontingenti, accertati jew li jistghu jkunu dovuti bhala danni, li jkunu jezistu jew meqjusa li jezistu bejn il-kumpannija u kontributorju jew allegat kontributorju jew debitur iehor jew allegat debitur u kull kwistjonijiet li b'xi mod ghandhom x'jaqsmu ma', jew jolqtu, l-attiv jew l-istralc talkumpannija, b'dawk il-kondizzjonijiet li jkunu miftiehma, u li jiehu kull sigurtà ghas-sodisfazzjon ta' kull sejha, dejn, obbligu jew talba u li jaghti jew jikkompleta sodisfazzjon dwarhom ;***

Daqstant fejn jirrigwarda r-rikorrenti.

Mill-krendituri li qeghdin jidhru fil-procediment odjern, il-Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji kien **<u>l-uniku</u>** li ressaq eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) li tisma` u tiddeciedi dwar l-azzjoni tal-istralcjarji.

Il-Ministru sejjes l-eccezzjoni preliminari tieghu fuq **<u>l-Art. 773 tal-Kap. 12</u>**, liema disposizzjoni taghmel parti mis-Sub-Titolu III tal-Kap. 12.

Taqra hekk :-

***Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 745(b) u (h), jekk qorti partikolari f`Malta hija kompetenti, ma ssirx inkompetenti minhabba l-lok fejn tkun qieghda l-haga f'Malta :***

***Izda f`kawza dwar zbank ta' depoziti, hija kompetenti biss il-qorti li taht l-awtorità taghha jkunu gew iddepozitati l-flus jew hwejjeg ohra.***

Il-qorti rat id-disposizzjonijiet tal-Art. 745 tal-Kap. 12, u ma ssibx li ghandhom rilevanza ghat-trattazzjoni tal-eccezzjoni preliminari tal-Ministru.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-konsiderazzjonijiet li ser taghmel huma **<u>limitati</u>** ghall-eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji.

**Bl-Art. 21(b)(iii) tal-Att I tal-2018 kien emendat l-Avviz Legali 396 tal-2003 li huwa l-Ordni dwar it-Twaqqif ta` Sezzjonijiet tal-Qrati Civili. Kien hemm emenda ulterjuri bl-Att XVI tal-2019.**

Id-disposizzjoni **<u>rilevanti</u>** ghall-iskop ta` din is-sentenza hija l-**<u>Art. 5A tal-Avviz Legali 396 tal-2003</u>** (kif emendat) li jaqra :

*Ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) rikorsi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili u* ***<u>li huma relatati ma` materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji</u>*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament maghmul tahtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament maghmul tahtu, u l-Att dwar l-Awtorita` ta` Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

**Billi l-istralc ta` SMC huwa materja regolata bl-Att dwar il-Kumpanniji, kull decizjoni jew provvediment fir-rigward tikkompeti *ope legis* lil din il-qorti.**

Il-Ministru jsostni li l-Art. 773 tal-Kap. 12 jaghti kompetenza lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fil-procediment odjern.

Il-qorti taccetta li bl-eccezzjoni preliminari tal-Ministru, tinsab rinfaccjata bi kwistjoni ta` ordni pubbliku, billi l-kompetenza u/jew il-gurisdizzjoni tal-qorti hija fil-fatt materja ta` ordni pubbliku.

Taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta` Lulju 2009 fil-kawza "**Mifsud vs Genovese**" fejn inghad hekk :

*"… l-kwestjoni ta` gurisdizzjoni ta` tribunal specjali, limitata kif inhi bil-kompetenza specifika li tigi specjali ghalih, hija kwestjoni ta` ordni pubbliku, u ma tistax tigi deciza fuq bazi ta` ekwita` jew konvenjenza."*

Biex taqdi tajjeb il-kompiti taghha, il-qorti trid tfittex sinergija bejn disposizzjonijiet li *prima facie* jistghu jidhru li huma konfliggenti. Ghalhekk trid taghmel apprezzament interpretattiv tad-disposizzjonijiet.

Fil-Pag 37 u 38 tal-"Istituzioni di Diritto Civile", **Trabucchi** jghid *inter alia* li :-

*L`interpretazione letterale ci offre la base oggettiva ; ma non basta, ed e` necessaria l`interpretazione logica che ci dara` la voluntas legis, l`elemento vitale che ha carattere decisive.*

Fil-Pag 896 tan-"**Novissimo Digesto Italiano**" (Vol VIII) jinghad hekk :

*La interpretazione e` un momento essenziale nella applicazione della legge, ed un presupposto indispensabile, perche` logicamente non si puo` concepire applicazione di norma giuridica che non sia stata previamente interpretata, se per interpretazione si intende, come deve intendersi, il processo logico attraverso al quale si rivela e si pone in evidenza il contenuto della disposizione legislative.*

Il-kompitu tal-interpretazzjoni huwa esercizzju difficli specjalment f`dawk l-oqsma tad-dritt fejn ghall-ewwel darba l-qrati jkunu mitluba jaghtu direzzjoni li ghandha mnejn tkun l-ewwel minn linja ta` gurisprudenza. Is-sentenza tal-lum hija ezempju f`dan is-sens.

Ghaliex hija *"regola ta` interpretazzjoni illi ebda ligi ma ghandha titqies kontradittorja fiha nnfisha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-gudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-legislatur, u jzomm b`quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li geghlu lil-legislatur jadotta l-ligi. Il-gudikant ghalhekk ghandu jirrikorri ghall-'mens legis' biex jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu nformatur tal-ligi."* (**Kollez. Vol. XXXVII.I.179**)

Fil-Pag 307 ta` "**Principi di Diritto Civile**" (Vol 1), **Laurent** ighid :

*L'interprete deve sempre ricercare lo spirito della legge. In questo senso, si potrebbe dire che ogni interpretazione e` logica. Per chiaro che sia il testo, bisogna animarlo, vivificarlo, ricorrendo alla storia, alla discussione, ai lavori preparatori …*

**Premessi dawn l-insenjamenti, u wara li ghamlet ir-riflessjonijiet taghha, il-qorti tqis illi l-eccezzjoni preliminari tal-Ministru hija mibnija fuq interpretazzjoni ristretta u maghluqa tal-Art. 773 tal-Kap. 12, li twarrab ghal kollox fil-genb realta` legali preciza, u cioe` li l-azzjoni tar-rikorrenti hija mpostata kollha kemm hi fil-kuntest ta` disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji li hija *lex specialis* li tidderoga l-*legi generali* li hija l-Kap. 12.**

Konkors ta` kredituri huwa regolat bl-Art. 416 et seq tal-Kap. 12. Il-qorti li ghandha kompetenza tittratta u tiddeciedi dwar il-gradwazzjoni ta` kredituri f`konkors hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili. Meta tinghata decizjoni li tghaddi in gudikat dwar kif ghandha ssir il-gradwazzjoni f`konkors ta` kredituri dik id-decizjoni tohloq stat bejn il-kredituri konkorrenti.

Fil-kaz tal-lum mhux kontestat li saru zewg konkorsi ta` kredituri distinti, wara l-bejgh b`subbasta separat ta` zewg assi ta` SMC, u cioe` l-bastiment M.V. Maltese Falcon u l-bastiment M.V. Zebbug. Il-kredituri konkorrenti llum jafu fejn qeghdin ghaliex iz-zewg procedimenti ghaddew in gudikat. Bil-procedura tentata mir-rikorrenti, certament ghall-fini ta` kompetenza tal-qorti, ma jirrizultax li qieghed ikun kontestat dak li kien diga` ghadda in gudikat.

Li qed jigi prospettat bil-procediment odjern jaqa` ghal kollox fil-kompetenza ta` din il-qorti u ghal kollox barra mill-kompetenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili billi jittratta esklussivament it-thaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 386, li huwa appuntu l-kompitu ta` din il-qorti. Tishaq illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu nkwadrat fil-kuntest proprju taghhom, u cioe` dak tat-twettieq tal-hatra tar-rikorrenti bhala stralcjarji ta` SMC, hatra din li hija kollha kemm hija regolata bil-Kap. 386. Id-dmirijiet u l-obbligi li *ex lege* ghandhom ir-rikorrenti huma bil-wisq aktar wiesgha u gravuzi minn kwistjoni ta` zbank ta` cedoli li dwaru jitkellem l-Art. 773 tal-Kap. 12 invokat mill-Ministru. Fil-fatt din tal-lum mhijiex kawza ristretta ghal zbank ta` cedoli izda hija kawza dwar twettieq ta` obbligi tar-rikorrenti bhala stralcjarji. Ghandhomx ir-rikorrenti ragun fil-mertu hija kwistjoni li ghad trid tkun trattata wara d-decizjoni tal-lum.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, spejjez ghall-istess Ministru, tiddikjara ruhha kompetenti sabiex tittratta u tiddeciedi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghhom tas-6 ta` Dicembru 2019, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**